MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Appell Kriminali Numru. 241/2014

**Il-Pulizija**

**v.**

**Fabian Sciriha**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Fabian Sciriha, karta ta' l-identita` numru 266885(M), talli:

1. F’ dawn il-Gżejjer, ġewwa l-Floriana nhar-id 19 ta’ Marzu 2013 għall-ħabta tas-12.50 ta’ wara nofsinhar irrenda ruħu kompliċi fid-delitt magħmul minn Stephen Abdilla meta xjentement għenu jew assistieh sabiex id-delitt kien ġie ppreparat jew ikkunsmat, jew xewxu, inkella saħħaħ il-volonta` tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdu li wara l-fatt jassistieh, jieqaf miegħu jew jikkompensah u cioe` serq ta’ handbag, nuċċali, *mobile phone* , flus kontanti, *credit cards*, ċwievet u dokumenti minn fuq il-persuna ta’ Giuseppina Agius (persuna ta’ aktar minn sittin sena) liema serq hu kkwalifikat bi vjolenza numerika u bil-valur ;

2. Irrenda ruħu reċidiv b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal- Maġistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali li permezz tagħha sabet lill-imsemmi Fabian Sciriha ħati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal sentejn priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Fabian Sciriha li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u fin-nuqqas tagħti sentenza aktar ekwa u ġusta;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta’ l-appellant huwa li l-ewwel Qorti m’għamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti. Jgħid illi l-prosekuzzjoni naqset li tipprova li kien hemm *common design* bejn it-tliet persuni nvoluti, inkluż l-appellant. L-appellant ikompli jgħid illi l-prosekuzzjoni ma tridx biss tipprova li huwa kien preżenti fis-serqa u li ġera magħhom, iżda li kien konsapevoli li Stephen Abdilla kien se jisraq il-baskett. Jgħid illi huwa spjega li ma kienx jaf li dan kien se jiġri u meta Abdilla seraq il-baskett, huwa ppanikja u ġera magħhom. “B’hekk ma kienx jaf u ta l-kunsens tiegħu illi s-serq kien se jiġri.”

**6.** Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

**7.** Issa, irid jiġi osservat li l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tara u tisma' x-xhieda u għalhekk kellha l-opportunita` tqis "l-imġieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda u "tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda" u "jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda ohra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ" (artikolu 637 tal-Kap. 9).

**8.** Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti qalet:

> **"Mill-provi prodotti l-Qorti m'għandha ebda dubju li l-imputat kien kompliċi f'dan id-delitt. Hemm xhieda okulari li identifikawh u rawh jipparteċipa fir-reat u jaħrab jiġri minn fuq ix-xena tad-delitt flimkien mat-tnejn l-oħra. Difatti ġew anke esebit ritratti tat-tlitt malviventi wara li saret is-serqa. B'dawn il-provi kontra l-imputat, xejn ma jiswa li xehed l-imputat stess, u l-istess Stephen Abdilla, igħidu li b'kumbinazzjoni kienu ltaqgħu dakinhar filgħodu u li l-imputat ma kienx jaf x'kien ser jagħmel sieħbu, u wara s-serqa b'kumbinazzjoni akbar it-tlieta telqu jiġru fl-istess direzzjoni u rikbu l-istess karozza tal-linja. Inoltre, wieħed mix-xhieda okulari, Christian Mansueto, saħansitra jgħid li l-imputat ipparteċipa attivament fis-serqa billi għen li Abdilla jaggredixxi lill-anzjana, meta din kienet mal-art iżżomm il-basket tagħha u taqla' bis-sieq. Hu jagħti rakkont dettaljat u spjegat ta' x'ra u kif intervjena, u li baqa' jiġri warajhom sakemm laħaqhom fuq tal-linja u anke ħadilhom xi ritratti."**

**9.** Din il-Qorti eżaminat il-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti. L-appellant xehed u ċaħad l-involviment tiegħu. Qal li kien miexi mill-Belt għall-Furjana ma' Stephen Abdilla u Lorita meta dawn it-tnejn qasmu t-triq għal fejn kien hemm mara anzjana miexja u ġibdulha l-baskett. Qal li x'ħin ra hekk qisu tfixkel u ħarab jiġri lejn il-Belt, lejn tal-linja. Qal li l-oħrajn ġrew ukoll lejn tal-

linja u hu ġera warajhom. Huma rikbu tal-linja iżda hu ma rikibx. Qal li lejn l-anzjana ma resaqx.

**10.** Stephen Abdilla xehed ukoll u qal li kien waħdu fis-serqa u l-appellant ma kellux x'jaqsam, ma kienx jaf x'se jagħmel u kien bogħod minnu, lanqas fl-istess triq. "Kien miegħi imma ma kienx jaf x'ħa nagħmel, ħallejtu hemm jien lilu u jien tlaqt waħdi hu." Wara li seraq il-baskett telaq jiġri lejn Bieb il-Belt fejn daruh in-nies. Qal illi lill-appellant u lil Lorita telaqhom ħdejn Bieb il-Belt, fejn il-gabbani, u telaq waħdu.

**11.** Bejn dak li xehed l-appellant u dak li xehed Stephen Abdilla wieħed mill-ewwel jara kuntrast kbir: l-appellant li jgħid li s-serq wettquh Abdilla u Lorita u li ra dan ir-reat iseħħ, filwaqt illi Abdilla jgħid illi dawn ma kinux fil-viċinanzi tiegħu; l-appellant li jgħid illi lkoll grew lejn tal-linja, filwaqt illi Abdilla jgħid li hu biss ġera lejn tal-linja wara li kien seraq il-baskett. Hemm ukoll kuntrast f'dak li xehed l-appellant li l-ewwel jgħid illi x'ħin ra lill-oħrajn jisirqu, huwa tfixkel u telaq jiġri, imbagħad li telaq jiġri warajhom. L-appellant jgħid ukoll illi hu ma telax fuq tal-linja, u dan meta hemm ritratti li juruh appena se jitla' fuq tal-linja, u hemm ix-xiehda ta' Kristian Mansueto li ħa r-ritratti u li kkonferma li dawn it-tliet persuni "daħlu ġo tal-linja".

**12.** L-imsemmi Kristian Mansueto fil-fatt kien xhud okulari ta' dak li ġara. Qal li ra xiħa ma' l-art u tnejn (maskili) jiġbdulha l-*handbag* u jtuha bis-sieq. Huwa seta' jagħrafhom għax iltaqa' magħhom wiċċ imb'wiċċ. Hu kien bil-karozza, waqaf u telaq għal warajhom. Rahom jiltaqgħu ma' mara li għaddewlha l-*handbag*. Dawn indunaw bih u telqu jiġru b'saħħa. Leħaqhom fejn il-venda tal-linja u, kif ingħad qabel, daħlu ġo tal-linja. Ix-xhud beda jgħajjat lix-xufier biex ma jsuqx għax kien hemm dawn in-nies li kienu għamlu serqa fuq anzjana. L-appellant dak il-ħin niżel minn fuq tal-linja. In kontro-eżami speċifika li filwaqt li wieħed mill-aggressuri kien qiegħed jiġbed il-*handbag* l-ieħor kien qed jagħti bis-sieq.

**13.** Huwa minnu li l-vittma fl-ebda mument fix-xiehda tagħha ma tgħid li qalgħet bis-sieq, iżda tikkonferma li ma' min ħadilha l-*handbag* kien hemm raġel ieħor.

**14.** Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tikkonkludi li l-appellant kien kompliċi ma' Stephen Abdilla. Huwa veru illi m'hemm l-ebda prova dwar xi ftehim li seta' kien hemm minn qabel bejnu u Stephen Abdilla biex issir is-serqa in kwistjoni, iżda miċ-ċirkostanzi riżultanti tidher il-parteċipazzjoni ta' l-appellant u allura joħroġ il-*common design*.

**15.** Kwantu għall-piena, l-appellant jgħid illi ma jqisx li hija ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

**16.** Sfortunatament mill-fedina penali ta' l-appellant tirriżulta ħajja refrattarja. Huwa diġa` bbenefika minn erba' *conditional discharges*, tliet ordnijiet ta' *probation*, u żewġ sentenzi sospiżi. Apparti dan, ġie kkundannat għall-ħlas ta' multa ħames darbiet u għall-ħlas ta' *ammenda* darbtejn, u ġie kkundannat sentenzi effettivi ta' priġunerija ħames darbiet. L-appellant irid jifhem illi ma jistax jibqa' jħalli lilu nnifsu jiġi ttraxxinat fil-kriminalita`. Kemm-il darba jibqa' f'din il-ħajja, huwa jkollu jibqa' jagħmel il-kontijiet mas-soċjeta`. Is-serq in kwistjoni sar minn fuq mara anzjana, allura mara vulnerabbli, li saħansitra spiċċat ma' l-art bl-aggressjoni fuqha. Tali reati huma serji u jistħoqqilhom piena adegwatament ħarxa. Imbagħad l-appellant huwa plurireċidiv.

1**7.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------